MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Appell Civili Numru. 1/2010/1

**Dr. Jose` A. Herrera bhala mandatarju ta' AWEYS MAANI KHAYRE**

**v.**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell ad istanza tar-rikorrent Dr. Jose` Herrera nomine minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, fil-15 ta' Lulju 2010 li

ddecidiet ir-rikors billi cahdet it-talbiet tar-rikorrent noe bl-ispejjez kontra tieghu.
Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

"Il-Qorti:

"Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Jose' Herrera nomine li jaqra hekk:

"Illi Aweys Maani Khayre tressaq il-Qorti fil-11 ta' Mejju 2008 akkuzat talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2008 inter alia importa droga psikotropika u ristretta u cioe' *cathinone* u *cathine* minghajr awtorizzazzjoni legali u dana bi ksur tal-provvedimenti kontenuti fil-Kap. 21 tal-Ligijiet ta' Malta, avviz legali numru 22 tas-sena 1985, u talli kien fil-pussess ta' l-istess droga f'cirkostanzi li l-pussess ta' tali droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

"Illi ghandu jinghad ukoll li Aweys Maani Khayre ma nghatax il-helsien mill-arrest u baqa' detenut taht arrest preventiv fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sat-tmiem tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' April 2009 fejn instab hati ta' l-akkuzi lilu addebiti;

"Illi fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istruttorja, Aweys Maani Khayre kien inizzja proceduri Kostituzzjoni fejn talab lill-Qorti prevja li tiddikjara li l-pjanti misjuba fil-pussess tieghu ma jikkomprendux l-element materjali ta' l-ebda delitt kontemplat fil-qafas legali Malti, tiddikjara li minhabba r-ragunijiet premessi f'dak ir-rikors gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-artikolu 39 [8] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 7 [1] tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, tordna sussegwentement li ghandhom jieqfu l-proceduri kriminali b'mod immedjat u tordna ir-rilaxx immedjat ta' l-istess rikorrent; u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu kumpens xieraq ghal tali lezjoni;

“Illi b’sentenza datata 5 ta’ Marzu 2009, il-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali iddisponiet mit-talbiet rikorrenti stante li dawn l-istess kienu prematuri u intempestivi izda dana minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe rimedju li l-applikant ikun intitolat li jitlob fil-mument opportun;

“Illi b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 3 ta’ Lulju 2009 l-imputat Aweys Maani Khayre gie sussegwentement liberat mill-akkuzi kollha anke in linea ma’ dak li ssottometta l-esponent li ma kinux jissussitu l-elementi tar-reat;

“Illi konsegwentement Aweys Maani Khayre sofra danni kbar stante li nzamm detenut inutilment ghal hdax-il xahar.

“Talab l-esponent jghid lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:
“Prevja li tiddikjara li minhabba r-ragunijiet premessi f’dan ir-rikors gew lezi d-drittijiet fundamentali ta’ Aweys Maani Khayre kif kontemplati fl-artikolu 39 [8] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 7[1] tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

“Tillikwida d-danni minnu sofferti;

“Tikkundanna lill-konvenut jew min minnhom ihallsu d-danni hekk likwidati.

“Rat ir-risposta konguntiva taz-zewg intimati li in forza taghha eccepew illi:

“Fir-rikors promotur, ir-rikorrent nomine qieghed jallega li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u qieghed jitlob li jigu likwidati danni.

“Fl-ewwel lok u in linea preliminari, Dr. Herrera ghandu jgib prova tal-awtorizzazzjoni li permezz taghha huwa qed jagixxi bhala mandatarju ta’ Aweys Maani Khayre sabiex jistitwixxi l-proceduri odjerni, u fin-nuqqas l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"In linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-kompetenza kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso ta' l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 u dan in vista tal-fatt li mit-talbiet tar-rikorrent nomine jirrizulta b'mod car li l-ghan tar-rikorrent nomine huwa li jigu likwidati danni peress li, skont huwa, inzamm detenut inutilment ghal hdax-il xahar.

"Minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fi-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li l-esponenti se jindikaw aktar 'il quddiem f'din ir-risposta.

"**IL-FATTI**

"Qabel ma' l-esponenti jelenkaw l-eccezzjonijiet dwar il-mertu, ihossu l-htiega li jigu spjegati l-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna u dan peress li r-rikors promotur huwa skarn u ma jirrizulta l-ebda ness car bejn il-kawzali, il-premessi u t-talbiet. Il-fatti kif maghrufa lill-esponenti huma s-segwenti:

"Illi r-rikorrent huwa ta' nazzjonalita' Somala li pero' kien ilu jirrisjedi fl-Ingilterra ghal madwar tmien snin qabel gie arrestat f'Malta;

"Ir-rikorrent tressaq il-Qorti fil-11 ta' Mejju 2008, akkuzat talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Mejju 2008, *inter alia* importa droga psikotropika u ristretta cioe' *cathinone* u *cathine* minghajr awtorizzazzjoni legali u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 31 (mhux kif erronjament indikat fir-rikors promotur bhala Kap. 21) tal-Ligijiet ta' Malta, avviz legali numru 22 tas-sena 1985, u talli kien fil-pussess tal-istess droga f'cirkostanzi li juru li l-pussess ta' tali droga ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

"Illi tajjeb li jigi rilevat li r-rikorrenti gie bl-ajru b'bagalja bi hmistax-il kilogramma weraq tal-pjanta *khat*. Dawn il-

weraq kienu mgezwra fil-weraq tal-banana u f'*tissue* sabiex jinzammu friski. Ir-raguni ghal dan hija li jekk il-weraq tal-pjanta *khat* ma jigux ipprezervati sewwa, il-pjanta tispicca b'weraq bla sugu ghaliex id-degradazzjoni ta' l-istess weraq hija wahda li tissuccedi b'mod accelerat hafna;

"Illi r-rikorrent ma nghatax il-helsien mill-arrest u nzamm detenut taht arrest preventiv fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin;

"Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja dehrilha li kien hemm ragunijiet bizzejjed sabiex ir-rikorrenti nomine jitqieghed taht att ta' akkuza;

"Illi r-rikorrenti nomine istitwixxa proceduri Kostituzzjonali (Rik. Nru: 56/08 JRM) fejn ukoll allega lezjoni tal-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

"Illi l-Onorabbli Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Marzu, 2009 cahdet it-talbiet tar-rikorrenti wara li laqghet l-ewwel zewgt eccezzjonijiet preliminari tal-esponenti senjatament (i) l-intempestivita' tar-rikors promotur stante li f'dak l-istadju, il-process gudizzjarju kontra r-rikorrent nomine ma kienx ghadu gie terminat u ma nstab hati ta' ebda reat; u (ii) in-non-ezawriment tar-rimedji ordinarji;

"Ir-rikorrent nomine ma interpona ebda appell minn tali decizjoni;

"Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' April, 2009 sabet lil Aweys Maani Khayre hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u multa ta' erba' mija u sitta u sittin Euro (€466), u kkundannatu jhallas is-somma ta' hames mija u hamsa u tletin Euro u tnax-il centezmu (€535.12) rapprezentanti spejjez inkorsi a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Illi r-rikorrent nomine interpona appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz tad-decizjoni taghha tat-3

ta' Lulju, 2009 laqghet l-appell interpost u lliberat lir-rikorrent nomine mill-akkuzi migjuba kontrih u dan peress li, in succint, ma kinitx tirrizulta l-*mens area*.

"**DWAR L-ALLEGAT KSUR TAL-ARTIKOLU 39(8) TAL-KOSTITUZZJONI TA' MALTA U L-ARTIKOLU 7(1) TAL-KONVENZJONI GHALL-PROTEZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U TAL-LIBERTAJIET FUNDAMENTALI**

"Illi l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea huma inapplikabbli ghall-kaz odjern stante li dawn l-artikoli japplikaw u huma limitati ghall-kazijiet fejn persuna giet misjuba hatja (cioe' ikkundannata) ta' reati kriminali.

"Illi filwaqt li r-rikorrent nomine gie misjub hati u kkundannat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fuq appell tieghu, illiberatu mill-akkuzi migjuba kontrih.

"Certament li r-rekwizit ghall-applikabilita' ta' dawn l-artikoli li persuna tkun instabet hatja u giet ikkundannata minhabba t-twettiq ta' reat kriminali qieghed jirreferi ghal decizjoni finali u cioe' ghall-Qorti li mid-decizjoni taghha m'hemmx appell.

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ma sehhet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent nomine hekk kif sanciti fl-artikoli 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Illi huwa evidenti minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' Lulju, 2009 li dik l-Onorabbli Qorti fl-ebda mument ma kkonkludiet li l-fatt imputat ma jikkostitwixxix reat izda dehrilha li fil-kaz li kienet qeghda tezamina ma kienx hemm il-*mens area* tar-rikorrent nomine ghat-twettiq tar-reat imputat. Infatti dik l-Onorabbli Qorti rriteniet li:

*""In the instant case, there is no evidence to suggest that appellant Aweys Maani Khayre's mind was in any way*

*specifically directed to the drug cathinone or to the drug cathine. This Court is satisfied that in line with the social and cultural habits of his country of origin, he simply intended to provide his friends in Malta with a plant to chew, even if that plant would have, as he must certainly have known that it would have a stimulating effect on whoever consumed it.”*

“Il-fatt li r-rikorrent nomine gie lliberat mill-akkuzi migjuba kontrih logikament ma jista’ qatt iwassal ghall-konkluzjoni awtomatika li huwa gie akkuzat b’att li ma kienx jikkostitwixxi reat kriminali fil-hin meta kien sar;

“Illi inoltre b’referenza ghall-fatt li r-rikorrent nomine inzamm detenut fil-habs dan ma kienx minhabba n-natura tal-akkuza li biha kien qieghed jigi akkuzat.

“L-uniku raguni kienet ghaliex nonostante diversi tentattivi mid-difiza waqt il-proceduri, l-istess difiza ma kkonvincietx lill-istess Qorti u ma gabitx garanziji sufficjenti li r-rikorrenti nomine ma jahrabx minn Malta jekk jinghata l-helsien mill-arrest preventiv. Infatti r-rikorrent ma kellu l-ebda rabtiet f’pajjizna u ma setax ghalhekk jissodisfa l-Qorti li kien jista’ jissodisfa d-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 575 tal-Kap. 9. Kien minhabba f’hekk li l-Qorti m’ordnatx il-helsien mill-arrest preventiv;

“Konsegwentement, jekk Aweys Maani Khayre sofra xi danni (li l-esponenti qed jikkontestaw kategorikament) dan kien rizultat ta’ l-agir tieghu stess u b’ebda mod ma jistghu jigu addebitati ghal xi azzjoni ta’ l-esponenti li dejjem agixxew fil-parametri tal-Ligi;

“Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad ir-rikors tar-rikorrent bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

“Rat il-process tal-kawza “The Police vs Aweys Maani Khayre”, determinata finalment mill-Onorabbli Qorti Kriminali tal-Appell fit-3 ta’ Lulju 2009;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

“Ikkunsidrat;

“Illi f’din il-kawza, ir-rikorrent kien tressaq quddiem il-Qrati Kriminali akkuzat bl-importazzjoni ta’ droga psikotropika u ristretta, u cioe’, cathinone u cathine minghajr l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Hu, fil-fatt, kien dahal Malta bil-pjanta khat, li minnha wiehed jista’ jigbed is-sustanza cathinone u/jew cathine. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet sabet lill-istess rikorrent hati li importa f’Malta sustanza ristretta, izda wara appell imressaq mill-istess rikorrent/akkuzat, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet illiberatu, wara li qieset li l-pjanta khat ma hijiex ipprojbita milli tiddahhal Malta, u ma giex muri li hu kellu *mens rea* specifika li jdahhal id-droga cathinone jew id-droga cathine.

“Ir-rikorrent li, ghal 11-il xahar tul pendenza tal-proceduri nzamm arrestat fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin qieghed issa jallega li nzamm detenut inutilment u qed jitlob li jinghata kumpens ghad-danni li garrab. Ir-rikorrent qed jinvoka l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, inkorporata fil-Ligijiet Maltin bl-att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta). L-artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, li jixbah fil-hsieb tieghu l-artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni, jipprovdi hekk:

*““(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena aktar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar.”*

“Dan l-artikolu, li jirrifletti l-principju *nulla poena sine lege*, ma jistax fil-fehma ta’ din il-Qorti, jitqies applikabbli ghall-

kaz, peress li, bhala fatt, ir-rikorrent ma nstabx u ma hux meqjus hati ta’ xi reat kriminali. Hu gie liberat minn kull inputazzjoni ta’ htija fil-konfront tieghu, u allura ma giex addebitat b’reat li ma kienx jezisti fil-mument li wettaq l-att li a bazi tieghu gie akkuzat b’reat quddiem il-Qrati.

“Peress li r-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li gie detenut inutilment, jidher li dan l-ilment jinkwadra ruhu aktar fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn l-artikoli, fil-principju, joffru protezzjoni ghal-liberta’ u ghas-sigurta’ tal-persuna. Dawn l-artikoli jipprovdu li hadd m’ghandu jigi pprivat mil-liberta’ tieghu hlief, ghal dak li hu rilevanti ghall-fini ta’ din il-kawza, “*fuq suspett ragjonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali*”. (artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta), jew fil-kaz fejn:

*““L-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta’ persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita’ legali kompetenti fuq suspett ragjonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragjonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat”.* (artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea).

“Fiz-zewg kazi, ic-cahda mil-liberta’ hija gustifikata f’kaz ta’ “suspett ragjonevoli” li dak li jkun wettaq jew sejjer iwettaq reat kriminali; il-Konvenzjoni Ewropea tesigi ulterjorment li c-cahda ta’ liberta’ tkun u tibqa’ mehtiega sabiex il-persuna akkuzata tingieb quddiem l-awtorita’ legali kompetenti.

“Il-kaz idur, allura, fuq jekk l-arrest tar-rikorrent kienx gustifikat a bazi tal-fatt li l-awtoritajiet kellhom “suspett ragjonevoli” li r-rikorrent ikkommetta reat kriminali. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan is-suspett ragjonevoli kien jezisti f’dan il-kaz. Ir-rikorrent dahal Malta bil-pjanta khat li, ghalkemm bhala pjanta, ma kinitx ipprojbita, tikkontjeni sustanzi li kienu fil-fatt illegali. Jekk din is-sustanza tirrendix il-pjanta kollha illecita kien punt innovattiv ghal Malta, u ma jistax jinghad li opinjoni affermattiva ghal dan il-kwezit kienet wahda illogika jew mhux irragjonevoli. Is-suspett tal-awtoritajiet gie konfermat, fil-fatt, mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) li sabet lir-rikorrent hati li dahhal Malta kwantita’ ta’ sustanza pprojbita; il-fatt li l-Qorti Kriminali tal-Appell irrevokat dik is-sentenza a bazi ta’ opinjoni differenti ma jfissirx li l-akkuza originali kienet nieqsa minn kull ragjonament. Il-kwistjoni kienet iddur fuq interpretazzjoni legali tal-punt jekk sustanza illegali fil-pjanta, trendix l-istess pjanta illegali, punt pjuttost gdid ghall-Qrati taghna li fil-fehma ta’ din il-Qorti kien jinnecesita’ interpretazzjoni studjata mill-oghla Qorti kompetenti fil-materja.

“Kif intqal fil-ktieb “Theory and Practice of the European Convention on Human Rights” ta’ Van Dijk et (4th Edition, 2006 pagna 473),

*““The mere fact that a person detained on remand is later released under a judicial decision does not render the arrest unlawful with retroactive effect. Article 5(1)(c) requires only that there be a ‘reasonable suspicion’. At the moment the arrest is made it need not yet be firmly established that an offence has actually been committed or what the precise nature of that offence is. The object of questioning during detention under subparagraph (c) is to further the investigation by way of confirming or dispelling the reason for arrest. Whether the mere continuation of suspicion suffices to warrant the prolongation of the detention on remand is covered not by the first but by the third paragraph of Article 5”.*

“La darba, f’dan il-kaz, kien jirrizulta lill-awtoritajiet li, bhala fatt, ir-rikorrent dahhal Malta pjanta li minnha wiehed jista’ jestratta droga projbita, dik l-awtorita’ kienet gustifikata tqis li r-rikorrent kien wettaq reat kriminali u tarrestah.

“Interessanti dak li jghidu l-istess awturi, f’pagna 471, dwar arrest fuq suspett li se jigi kommess reat. Jinghad fil-fatt li,

*““Since the three grounds mentioned in paragraph 1 under (c) have been placed side by side and have not been cumulative, the provision would appear to justify detention as a measure against persons on suspicion that they will*

*commit crimes without their having as yet committed them. This interpretation is also corroborated by the travaux preparatoires, viz, in the report of the Senior Officials, in which it is stated as follows: "it may (...) be necessary in certain circumstances to arrest an individual in order to prevent his committing a crime, <u>even if the facts which show his intention to commit the crime do not of themselves constitute a criminal offence</u>". The same line of reasoning is expressed by the Commission in the De Jong, Baljet and Van Der Brink Case. It assigned an independent meaning to each of the three grounds mentioned under (c): "The wording 'or' separating these three categories of persons clearly indicates that this enumeration is not cumulative and that it is sufficient if the arrested person falls under one of the above categories"."* (Sottolinear ta' din il-Qorti).

"Kwindi, ma jistax jinghad li fic-cirkostanzi, l-arrest kien wiehed irragjonevoli. Il-Pulizija lokali kellha quddiema persuna Somola, b'passaport Ingliz, li dahal Malta bi pjanta li minnha tista' tigi estratta d-droga cathinone u/jew cathine, droga li kienet ipprojbita milli tidhol Malta. Hu stqarr li kien behsiebu jomghod il-pjanta mal-ko-nazzjonali tieghu, kif hekk kienet id-drawwa. Kellhom, allura, informazzjoni li r-rikorrent mhux biss dahhal Malta pjanta b'sustanza ipprojbita, izda li kien se jqassam l-istess ma' persuni ohra residenti f'Malta. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-arrest tar-rikorrent f'dawn ic-cirkostanzi kien gustifikat.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti, li r-rikorrent jibqa' jinzamm taht arrest tul il-pendenza tal-proceduri kriminali kien ukoll gustifikat. Ir-rikorrent, kif inghad, ma kienx cittadin Malti u ma kellux indirizz fis hawn Malta. Hu gie hawn Malta biex jippartecipa f'festin li l-ko-nazzjonali tieghu kienu behsiebhom jaghmlu Malta. Ma kien hemm ebda garanzija li jekk jinghata l-liberta' provizorja hu kien se jattendi b'mod regolari u tempestivament ghall-udjenzi quddiem il-Qrati. Ma jirrizultax li hu kellu mezzi finanzjarji sufficjenti x'joffri bhala garanzija, u lanqas li, fil-fatt, ghamel tali offerta; lanqas ma offra garanzija personali ta' xi hadd affidabbli li kien jara li r-rikorrent jattendi l-Qorti kull meta hekk jigi mitlub. Hu stess jghid li kien xtara l-

pjanta b'mod ghal kollox miftuh mill-Ingilterra, u kien sorpriz li gie arrestat hawn Malta; ic-cirkostanzi ma kinux jaghtu affidament li r-rikorrent kien lest jibqa' jabita Malta b'mod volontarju sakemm jinqatghu l-proceduri li ttiehdu kontra tieghu. Ir-rikorrent ma urhiex li kien gab mieghu Malta jew li seta' jgib lejn Malta flus bizzejjed biex isostni lili nnifsu u ma jkunx ta' piz fuq l-istat Malti.

"F'dan il-kaz, is-suspett ragjonevoli ta' reat baqa' jissustixxi sad-decizjoni finali moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u gie msahhah bid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li sabet lill-istess rikorrent hati. Maghdud ma' din il-konsiderazzjoni, kien hemm il-biza' li r-rikorrent jahrab minn Malta, meta tqis ic-cirkostanzi kollha specjalment dawk li gew elenkati fil-paragrafu precedenti ta' din is-sentenza. Jidher ukoll li l-awtoritajiet lokali hadu hsieb li jmexxu l-kaz with "special diligence", tant li r-rikorrent gie arrestat fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Mejju, 2008, u s-sentenza finali mill-Qorti tal-Appell inghatat sena wara, u cioe', fit-3 ta' Lulju, 2009; la hu hekk, iz-zmien ta' detenzjoni jista' u ghandu jitqies "ragjonevoli" (ara l-kaz "Shishkov", deciz mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fid-9 ta' Jannar, 2003).

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tar-rikorrent nomine billi tichad l-istess, bl-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrent nomine."

## Rikors tal-appell tar-rikorrent

Ir-rikorrent hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-ewwel Qorti u interpona appell minnha b'rikors prezentat fis-27 ta' Lulju 2010.

In succinct l-aggravji tieghu huma s-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet pronuncjament totalment zbaljat dwar l-import tal-Artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Il-prosekuzzjoni kienet konxja li d-droga li r-rikorrent importa ma kienitx droga imsemmija fil-ligi taghna u ghalhekk l-appellant tressaq il-Qorti ghalxejn u

ghamel zmien konsiderevoli taht arrest preventiv inutilment.

2. Il-Qorti Ewropeja titkellem dwar kumpens dovut meta persuna tigi misjuba hatja illegalment u fil-fatt il-Protokoll 7 (3) jipprovdi ghal *“compensation in case of a wrongful conviction”.*

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tichad l-eccezzjonijiet tal-appellati u tilqa’ t-talbiet tieghu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

**<u>Risposta tal-intimati appellati.</u>**

L-appellati pprezentaw ir-risposta taghhom fejn l-aggravji relattivi tal-appellant gew kollha kontestati u ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

**<u>Fatti</u>**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f’din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga’ tirrepetihom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

L-appellant kien talab fir-rikors promotur tieghu li jigi dikjarat li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja; Talab ukoll ghal kumpens pekunarju peress illi sostna li gie mixli u mressaq il-Qorti ghal reat li ma jezistix fil-ligi Maltija.

Illi l-ewwel Qorti sabet li f’dan il-kaz l-Artikolu 7(1) ma kienx applikabbli billi bhala fatt ir-rikorrent ma nstabx hati ta’ xi reat kriminali. Il-Qorti sabet ukoll, (ghalkemm ma kienx hemm talba specifika taht l-Artikolu 5 tal-

Konvenzjoni), li r-rikorrent kien gie arrestat fuq suspett ragjonevoli li kkommetta reat u l-fatt li hu baqa’ arrestat tul il-pendenza tal-proceduri kriminali kien ukoll gustifikat. L-ewwel Qorti ghalhekk ma akkordat ebda kumpens.

Fl-aggravji sollevati mill-appellant ma hemm xejn li ma giex sottomess quddiem l-ewwel Qorti. Huwa qed jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet pronuncjament totalment zbaljat dwar l-import tal-Artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan l-artikolu [1] jipprovdi hekk:

“(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba f’xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena aktar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat kriminali jkun sar.”

Il-Qorti ta’ Strasbourg fil-kaz **Kokkinakis v. Greece**[2], qalet hekk fir-rigward ta’ dan l-artikolu:

*“Article 7 embodies, more generally, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen, nulla poena sine lege) and the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused’s detriment, for instance by analogy”.* [3]

Izda kif jiccaraw l-awturi **Harris, O’Boyle & Warbrick**[4]:

*“The wording of Article 7(1) is limited to cases in which a person is ultimately ‘held guilty’ of a criminal offence.*[5] *A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 - at least not by means of an individual application”.*

[1] L-Artikolu 7(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jixbah l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni.
[2] Sentenza tal-25 ta’Mejju 1993 (Series A no. 260-A, p. 22, § 52).
[3] Ara wkoll Streletz, Kessler & Krenza v Germany. 34044/96 u Korbely v Hungary 9174/02.
[4] Law of the European Convention on Human Rights 2nd Edition page 332.
[5] X v Netherlands No 7512/76

Fil-kaz in ezami ghalkemm l-appellant kien instab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati, is-sentenza giet revokata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Ghalhekk ma jistax jinghad li f'dan il-kaz l-appellant fil-fatt instab hati ta' reat kriminali. Hu kien mixli bir-reat, izda gie liberat. L-aggravju tal-appellant taht l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghalhekk ma jistax jigi milquh.

L-appellant izda ssottometti wkoll li fi kwalunkwe kaz il-prosekuzzjoni kienet konxja mill-bidunett li l-pjanta li hu importa ma kienitx droga msemmija fil-ligi taghna u ghalhekk l-appellant tressaq il-Qorti ghalxejn u ghamel zmien konsiderevoli taht arrest preventiv inutilment. L-appellant jaghmel ukoll referenza ghall-Protokoll 7 (3) tal-Konvenzjoni Ewropeja li jipprovdi ghal *"compensation in case of a wrongful conviction"* biex ikompli jissustanzja t-talba tieghu ghall-kumpens li qed jitlob bhala persuna mixlija illegalment.

L-Artikolu 3 tal-Protokoll 7 ighid li:

*""When a person has <u>by a final decision</u> been <u>convicted of a criminal offence</u> and when subsequently his conviction has been reversed, or he has been pardoned, on the ground that a new or newly discovered fact shows conclusively that there has been a miscarriage of justice, the person who has suffered punishment as a result of such conviction shall be compensated according to the law or the practice of the State concerned, unless it is proved that the non-disclosure of the unknown fact in time is wholly or partly attributable to him."*

Din il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li l-Protokoll 7(3) tal-Konvenzjoni mhux applikabbli billi fil-kaz tal-appellant ma kienx hemm *"wrongful conviction"* ta' reat kriminali u l-iktar li seta' kien hemm kien *"wrongful detention"*.

Inoltre ghalkemm l-appellant kien instab hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati, id-decizjoni finali kienet dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali li illiberatu minn kull imputazzjoni u piena. Huwa b'referenza ghal decizjoni finali li persuna tinsab hatja u kkundannata minhabba li wettqet reat.

It-talba ghall-kumpens mill-appellant setghet issir taht l-Artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni, ghal liema artikolu ma saret ebda referenza fir-rikors promotur u lanqas talba. Dan l-artikolu jipprovvdi li:

"(1) Kulhadd ghandu d-dritt ghal-libertà u ghas-sigurtà tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mil-libertà tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti <u>fuq suspett ragonevoli</u> li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg skond il-procedura preskritta bil-ligi:

"(C) l-arrest jew detenzjoni skond il-ligi ta' persuna effettwata sabiex jigi evitat li tikkommetti reat <u>jew li tahrab</u> wara li tkun ghamlet reat." (*sottolinerar ta' dina l-Qorti).*
L-ewwel Qorti ddecidiet li fil-kaz in ezami l-awtoritajiet kellhom "suspett ragjonevoli" li r-rikorrent ikkommetta reat kriminali u ghalhekk kienu gustifikati li jressquh arrestat il-Qorti.

L-appellant jissottometti li l-prosekuzzjoni qatt ma seta' kellha "suspett ragjonevoli" billi kien jidher car mill-bidunett li d-droga li l-appellant importa ma kienitx wahda li hija imsemmija fl-iskeda tal-Ligi u ghalhekk huwa qatt ma seta' jinsab hati taghha.

Illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg: *"reasonable suspicion presupposed the existence of facts or information that would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence. However, what is to be regarded as reasonable will depend on the circumstances."*[6]

Illi din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-punt f'din il-kawza, u cioe` jekk sustanza illegali f'pjanta jirrendix l-istess pjanta kollha illegali, kien wiehed kontrovers, tant li l-Qorti tal-Magistrati kienet sabet lill-akkuzat hati mentri l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalbet dik id-decizjoni billi

[6] Fox, Campbell and Hartley 1990.

sabet li ma gietx pruvata l-mens rea tal-akkuzat li jimporta d-droga cathinone u cathine.

Din il-Qorti tirrileva li l-fatt li l-appellant gie liberat mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jfissirx li l-arrest tieghu orginarjament kien illegali u dan ghaliex l-Artikolu 5(1)(c) jirrikjedi biss li l-awtoritajiet ikollhom suspett ragjonevoli li fil-mument tal-arrest ta' persuna din setghet ikkommettiet ir-reat. Ghalhekk taht dan l-aspett, l-appellant ma jistax jitlob kumpens.

L-appellant pero` qed jitlob ukoll kumpens minhabba l-fatt li waqt il-proceduri kriminali huwa baqa' detenut u ma nghatax il-liberta` provvisorja. Illi din it-talba tinkwadra fl-Artikolu 5(1)(3) tal-Konvenzjoni li jipprovdi li:

"(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1)(C) ta' dan l-Artikolu ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b'ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal <u>proceduri fi-zmien ragonevoli</u> jew ghal <u>helsien waqt pendenza tal-proceduri.</u> Il-helsien jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri." (*sottolinear ta' dina l-Qorti).*

Jigi rilevat li l-fatt li l-appellant baqa' arrestat mhux marbut mal-fatt li hu gie akkuzat b'importazzjoni ta' droga. L-appellant baqa' taht arrest preventiv tul il-proceduri kollha billi huwa ma kienx cittadin malti u ma kienx jirrisjedi hawn Malta, kif ukoll li huwa lanqas ma gab garanzija sufficjenti li ma kienx se jahrab minn Malta.

Ghakemm huwa veru li *"even the fact that the "reasonable suspicion" continues to exist is not sufficient to justify, after a certain lapse of time, the prolongation of detention"*[7] f'dan il-kaz pero` ma jirrizultax li l-proceduri hadu zmien esagerat biex gew konkljuzi definittivament. L-appellant tressaq il-Qorti fil-11 ta' Mejju 2008 bl-akkuza msemmija. Il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati giet

---

[7] Harris O'Boyle page 136)

deciza fis-16 ta' April 2009 u gie liberat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Lulju 2009. Illi ghalhekk anke taht dan l-aspett l-appellati m'ghandhomx iwiegbu ghat-talba ta' l-appellant ghall-kumpens.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ghall-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------